# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 15**

**Ċitazzjoni numru 396/2002/2 JA**

**Helen Montebello f'isimha proprju u bħala kuratriċi *ad litem* ta' wliedha minuri Matthew Montebello, Laura Montebello u Mariella Montebello; u b'dikriet tat-28 ta' Novembru 2003 l-imsemmija Matthew Montebello, Laura Montebello u Mariella Montebello assumew l-atti personalment billi llum huma maġġorenni**

***v*.**

**John Montebello, Tarcisio Montebello f'ismu proprju u wkoll bħala kuratur deputat maħtur b'dikriet tal-25 ta' April 2002 biex jidher għall-assenti Doris Ellison**

1. Dan huwa appell tal-konvenut John Montebello minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Mejju 2015 li laqgħet

it-talbiet tal-atturi għall-qsim ta' wirt u l-ħlas tas-sehem riservat. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attriċi Helen Montebello hija l-armla ta' George Montebello u l-atturi l-oħra huma wliedu u werrieta tiegħu. George Montebello miet fit-23 ta' Diċembru 1994 u l-wirt tiegħu hu regolat b'testment *unica charta* li kien għamel ma' martu, l-attriċi Helen Montebello, fid-29 ta' Novembru 1993 fl-atti tan-Nutar Carmel Gafà. B'dak it-testment kien ħalla lil martu Helen legat ta' sehem minn erbgħa (¼) tal-beni tiegħu b'titolu ta' proprjetà u l-bqija tal-beni b'użufrutt, u ħatar lill-atturi wliedu werrieta tiegħu. L-atturi flimkien huma għalhekk *aventi causa* ta' George Montebello.

3. George Montebello kien iben Marco u Rosa Montebello *nèe* Zammit. Marco Montebello miet fit-12 ta' Lulju 1988 u Rosa Montebello mietet fl-20 ta' Frar 1997. Marco Montebello kien miżżewweġ darbtejn: l-ewwel żwieġ kien ma' Maria Montebello *nèe* Mangion, u minn dan iż-żwieġ kellu żewġ ulied, il-konvenuti Tarcisio Montebello u Doris Ellison; it-tieni żwieġ kien ma' Rosa Montebello *nèe* Zammit, u minn dan iż-żwieġ kellu żewġ ulied oħra, George Montebello, l-awtur tal-atturi, u l-konvenut John Montebello.

4. Il-wirt ta' Marco Montebello huwa regolat b'testment *unica charta* li kien għamel mat-tieni mara tiegħu, Rosa Montebello, fis-26 ta' Jannar

1951 fl-atti tan-Nutar John Spiteri Maempel[1]. Id-disposizzjoni relevanti ta' dan it-testment – ir-raba' artikolu – tgħid hekk:

> »… … … it-testatur b'eredi universali, proprjetarji u padruni assoluti tiegħu fi kwoti ugwali bejniethom jistitwixxi u jinnomina lil uliedu kollha nati u naxxituri, u dawka ġà mwielda jisimhom Maria Dolores *sive* Doris u Tarcisio aħwa Montebello – tfal dawna li twieldu mill-ewwel żwieġ tiegħu ma' Maria Montebello *nèe* Mangion – bis-sostituzzjoni volgari u bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom.«

5. Wara l-mewt ta' żewġha Marco Montebello, Rosa Montebello għamlet testment ieħor fil-5 ta' Mejju 1991 fl-atti tan-Nutar Charles Vella Zarb, u b'dan it-testment ħalliet bi prelegat lill-konvenut John Montebello d-dar *Phidias* fi Triq il-Foss, Casal Paola bl-arja u *garages* "fl-intier tagħhom u dan peress illi t-testatriċi tiddikjara li taf li l-istess proprjetà ma hix tagħha esklussivament iżda tappartjeni wkoll in parti lill-eredi tal-mejjet żewġha iżda hija trid u tordna li dan il-prelegat jiġi konsegwit fl-intier tiegħu".

6. Billi jħossuhom aggravati b'din id-disposizzjoni testamentarja ta' Rosa Montebello għax id-dar imħollija bi prelegat lill-konvenut John Montebello u li hija okkupata minnu – fil-fehma tal-atturi mingħajr titolu li jiswa fil-liġi – tiswa ħafna, l-atturi igħidu illi "huma qegħdin jir-rinunzjaw għall-wirt tal-imsemmija defunta Rosa Montebello filwaqt illi jżommu fermi d-drittijiet tagħhom għal *legitima portio* skond il-liġi u jżommu fermi wkoll id-drittijiet tagħhom għas-sehem kollu lilhom spettanti mill-wirt tad-defunt Marco Montebello". Għalhekk fteħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

---

[1] Ir-riċerki testamentarji juru li kien sar testment ieħor, fid-19 ta' Lulju 1971 fl-atti tan-Nutar Joseph Agius, iżda dak it-testment ma bidel xejn li jolqot il-meritu ta' dan l-appell.

»(1) prevja kull dikjarazzjoni oħra *talvolta* meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-atturi, huma jew min minnhom, għandhom id-dritt għall-wirt tad-defunt Marco Montebello f'dak is-sehem illi kien jispetta lill-ante kawża tagħhom id-defunt George Montebello;

»(2) tillikwida u tiddikjara l-konsistenza tal-assi ereditarji ossija l-patrimonju appartenenti lid-defunt Marco Montebello;

»(3) tillikwida s-sehem spettanti lill-atturi, huma jew min minnhom, mill-assi ereditarji ossija l-patrimonju appartenenti lid-defunt Marco Montebello okkorrendo bl-assistenza ta' perit nominandi;

»(4) konsegwentement, tassenja lill-atturi, huma jew min minnhom, dak is-sehem lilhom spettanti mill-assi ereditarji ossija l-patrimonju appartenenti lid-defunt Marco Montebello;

»(5) tiddikjara illi l-atturi Mariella, Laura u Matthew, aħwa Montebello, bħala wlied id-defunt George Montebello, iben id-defunta Rosa Montebello, għandhom dritt għal *legitima portio* skond il-liġi mill-patrimonju appartenenti lid-defunta Rosa Montebello;

»(6) tillikwida u tiddikjara l-konsistenza tal-patrimonju appartenenti lid-defunta Rosa Montebello illi fuqu għandha tiġi komputata u konsegwita l-*legitima portio* spettanti lill-atturi Mariella, Laura u Matthew, aħwa Montebello, skond il-liġi okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi;

»(7) konsegwentement, tassenja lill-atturi Mariella, Laura u Matthew, aħwa Montebello dik il-*legitima portio* kif likwidata minn din l-istess onorabbli qorti lilhom spettanti mill-assi ereditarji ossija l-patrimonju appartenenti lid-defunta Rosa Montebello;

»(8) tordna lill-konvenuti sabiex jidhru, jersqu u jaddivjenu għall-pubblikazzjoni ta' kwalsijasi kuntratt pubbliku illi talvolta jkun jeħtieġ li jiġi pubblikat per konsegwenza tal-likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni in segwitu għat-talbiet attriċi fuq imsemmija; u

»(9) tinnomina kuratur/i deputat/i sabiex, fin-nuqqas tad-dehra tal-konvenuti, huma jew min minnhom, jidher/ru għan-nom tal-istess konvenuti, huma jew min minnhom, għall-pubblikazzjoni ta' kwalsiasi kuntratt pubbliku illi *talvolta* jkun jeħtieġ li jiġi pubblikat per konsegwenza tal-likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni in segwitu għat-talbiet attriċi fuq imsemmija; u

»(10) tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika kwalsijasi kuntratt pubbliku illi *talvolta* jkun jeħtieġ li jiġi pubblikat per konsegwenza tal-likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni in segwitu għat-talbiet attriċi fuq imsemmija.«

7. Is-sentenza li minnha sar l-appell tgħid hekk:

»… … … kif jidher ċar mill-att promotur din hija kawża fejn l-atturi qed jitolbu li jiġu assenjati l-porzjoni leġittima lilhom mill-wirt ta' omm missierhom u sehemhom mill-wirt tan-nannu patern. Dawn fit-testment tagħhom ħallew lil uliedhom kollha bħala werrieta iżda l-atturi rrinunzjaw għall-wirt tagħhom min-nanna paterna (filwaqt li żammew ferm it-talba tagħhom għal porzjoni riservata). Tħalla wkoll is-solitu legat ta'

użufrutt favur l-konjuġi superstiti illi llum ġie fi tmiemu s*tante* l-mewt taż-żewġ testaturi. Rosa Montebello però ħalliet fond (*Phidias*, Triq il-Foss, Paola) interament lill-konvenut John Montebello avolja ddikjarat li taf li mhux kollu tagħha, bi tpattija għas-serviġi illi rrenda magħha.

»Illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti hija li l-atturi ma setgħux jippro-ponu t-talbiet tagħhom flimkien iżda din il-qorti ma tarax għaliex dan ma setax isir; l-atturi fuq kollox qed jitolbu l-qsim ta' wirt li ġej mill-istess fonti u allura kien żgur aktar konvenjenti illi l-kawża tiġi proposta kif effettivament sar. … … …

»… … …

»Illi kwantu għall-allegazzjoni tal-konvenut John Montebello illi huwa għandu dritt għal serviġi fil-konfront tal-wirt, dan huwa suġġett ta' pendenzi oħra u allura din il-qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tagħhom anke għaliex ma saret ebda kontro-talba fir-rigward.

»Illi fir-rigward tal-mertu … … … il-kawża naturalment tirrigwardja ftuħ ta' wirt li sar qabel l-emendi fil-liġi tas-suċċessjoni li tirrigwardja partikolarment dik li qabel kienet il-leġittima. Dawn l-emendi ġew fis-seħħ pjuttost riċentement (2004) u jagħmluha ċara li ma jaffetwawx wirt li nfetaħ qabel dik id-data. Infatti l-artikolu 116(2) tal-Att in kwistjoni (Att Numru XVIII tal-2004) għamilha ċara illi l-artikolu 58 li appuntu emenda l-artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi Ċivili illi jirregolaw kif tinħadem il-leġittima (issa msejħa 'parti riservata') kellhom "japplikaw dwar suċċessjonijiet li jseħħu wara li l-istess artikoli jinġiebu fis-seħħ"*.* Għalhekk ċertament f'dan il-każ il-liġi applikabbli hija dik viġenti fiż-żmien li ġiet preżentata l-kawża … … …

»Illi l-liġi taqsam il-ġid tad-disponenti f'żewġ partijiet, waħda disponibbli u l-oħra le. Il-parti mhux disponibbli tiġi matematikament kalkolata a bażi tal-artikolu 616 u dawk li jsegwu. *In vista* ta' dan "l-ewwel ħaġa li għandha ssir hija l-likwidazzjoni sabiex ikun jista' jiġi aċċertat jekk id-*decujus* bid-dispożizzjoni ta' xi legat eċċediex il-parti disponibbli tal-patrimonju" (<u>Maria Wismayer *v.* Ruggiero Wismayer</u>, deċiża mill-Prim Awla fit-22 ta' Mejju 1950).

»Illi skond l-artikolu 648 biex tinħadem il-leġittima trid tiżdied, mal-assi eżistenti fil-mument tal-mewt, id-donazzjonijiet li jkunu saru mit-testa-tur u eżattament fil-każ ta' immobbli l-valur tal-proprjetà fil-mument tal-mewt. Dan hu kkonfermat mhux biss mill-artikolu 648 illi jgħid kif ġà ngħad li jridu jingħaddu d-donazzjonijiet li jkun għamel it-testatur iżda anke min-noti tal-Prof. Caruana Galizia fuq is-suċċessjoni (paġna 1021) fejn jingħad fit-test Ingliż illi:

> »"Such addition is necessary because the portion of the deceased's property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The *legitima portio* is computed on the whole estate of the deceased, *viz.* on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations.
>
> »"The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the *legitima portio* is due … even if the testator has

exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights.

»"Equally immaterial is the cause of the donation; consequently to the deceased's estate are added not only those made purely *animo donandi* but also those made in remuneration for services, or out of gratitude …".

»Illi għalhekk kwantu għat-talba attriċi *ai termini* tal-artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi Ċivili billi l-mejtin kellhom żewġt itfal flimkien (in-nannu patern kellu erbgħa), il-leġittima kellha tkun terz tal-assi u għalhekk il-partijiet kellhom id-dritt jipparteċipaw f'dan it-terz. Għalhekk l-atturi jmisshom wieħed minn disgħa kull wieħed mis-sehem tan-nanna tagħhom. Għandu jingħad li l-leġittima, skond il-liġi allura viġenti, kienet tkun dovuta *in natura, in piena proprietà senza alcun peso od altra condizione* (Vol. XXXVIII–II–116). Din kienet toħloq problema f'dawn it-tip ta' kawżi għaliex tikkontrasta mad-dritt tat-testatur li jħalli l-legati lil min jixtieq, għaliex filwaqt li l-leġittimarju ma jistax jippretendi li jinjora l-legati, u dawn għandhom jittieħdu biss in konsiderazzjoni biex tiġi kalkolata l-leġittima (ara <u>Vella *v.* Bezzina *et*</u> – Appell 20 ta' Novembru 1998), "is-suġġeriment li l-leġittima tiġi sodisfatta b'ammont likwidu flok *in natura* huwa kontra l-liġi, *molto più* meta ma jirriżultax il-kunsens tal-interessati kollha" (<u>Sammut *v.* Refalo" </u>– Prim Awla 30 ta' Ġunju 1954). L-istess sentenza <u>Wismayer *v.* Wismayer</u>" fuq ċitata qalet "sakemm id-*decujus* ma jeċċedix il-kwota disponibbli dak il-legat jibqa' jseħħ".

»Illi dan illum ġie rimedjat bl-emendi msemmija u illum l-artikolu 615(2) jagħmilha ċara li dan id-dritt huwa kreditu tal-valur tal-assi tal-mejjet u li huwa dovut l-imgħax mid-data tal-ftuħ tal-wirt, ossija d-data tal-mewt tad-*decujus* jekk il-kawża tiġi intavolata *entro* sentejn mill-istess data, kif effettivament sar f'dan-il-każ. Madankollu kif ġà ssemma dan ma japplikax għal din il-kawża peress li l-mewt tal-ġenituri tal-partijiet ġrat qabel ma ġew fis-seħħ l-emendi msemmija.

»Illi l-qorti tfakkar li min jagħmel talba jrid juri lill-istess qorti li għandu dritt jagħmilha; … … …

»… … …

»*Konsistenza tal-assi*

»Illi stabbilit dan il-qorti trid tgħaddi għal konsistenza tal-assi tal-mejta biex tistabbilixxi l-ammont dovut lill-atturi.

»… … …

»Illi kwantu għall-immobbli l-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet <u>Mary Anne Zammit *v.* Antonia Ellul</u> deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar 2005 li tagħmilha ċara li dawn għandhom jiġu stmati kemm jista' jkun fid-data l-aktar viċina għal-likwidazzjoni, u dan fuq l-iskorta tas-sentenza <u>Mifsud *v.* Mizzi</u> (deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru 1973). Biex tagħmel dan in kwantu għall-proprjetà immobiljari allura l-qorti se tistrieħ fuq il-valutazzjoni tal-perit tekniku l-AIC Godwin Abela fl-atti ta' din il-kawża.

»Illi l-proprjetajiet immobiljari indikati jinkludu:

»• bitħa numru 5 u garaxx numru 9, Triq ix Xwieni Marsa, stmat liberu minn kirjiet fis-somma ta' Lm70,000 ekwivalenti *circa* €163,100;

»• remissa 142, Triq Santa Lucia, Paola, stmata Lm35,000 ekwivalenti *circa* €81,530;

»• il-fond *Phidias*, Triq il-Foss, Paola, stmat Lm10,000 ekwivalenti *circa* €23,300;

»• il-fond *Maleth*, Triq il-Foss, Marsa, stmat Lm80,000 ekwivalenti *circa* €186,350;

»• il-fond 218, Triq il-Foss, Paola, stmat Lm85,000 ekwivalenti *circa* €198,000

»Illi l-perit tekniku għamel stimi kemm bħala fond mikri u sia bħala fond liberu u frank minn kull kirja, u naturalment dawn ivarjaw sostanzjalment u dawn li għadhom kif ġew indikati huma l-aħjar stima.

»Dwar dan naturalment ma hemmx qbil bejn il-partijiet iżda mis-sentenzi fir-rigward jidher ċar li l-leġittima jew il-porzjoni riservata ma għandhiex tkun mgħobbija minn piżijiet. (Cutajar *v.* Cutajar deċiża mill-Prim Awla fit-3 ta' Ottubru 2003). Naturalment meta tinħadem il-leġittima jridu jitnaqqsu d-djun tal-assi tal-mejjet.

»Illi dwar id-djun però ma saritx prova mill-konvenuti, u l-uniku dejn ċert huwa dak li kellu l-mejjet George Montebello (missier l-atturi) ma' ommu; dwar dan (li kien inizjalment Lm7,200) ma hemmx indikazzjoni kemm tħallas minnu; l-istess konvenut John Montebello qal li huwa kien ħallas xi ħaġa iżda ma ppreċiżax kemm. Għalhekk il-qorti *arbitrio boni viri* se tordna li titnaqqas is-somma ta' €4,000 minn sehem l-atturi biex jiġi paċut dan id-dejn. Minħabba d-diffikulatjiet ċari fil-qasma ma hux possibbli li ssir qasma b'mod konvenjenti, u allura l-qorti se tordna l-bejgħ tal-proprjetà a bazi tal-aktar prezz għoli indikat fir-rapport peritali.

»*Ishma rispettivi*

»Illi kwantu għall-ishma spettanti lill-partijiet, l-atturi għandhom $^{1}/_{9}$ kull wieħed mill-assi ta' Rosa Montebello nieqes €4,000 u kwart ta' nannuhom ($^{7}/_{24}$ tal-assi kollha tan-nanniet flimkien); il-konvenut John Montebello għandu l-kumplament (⅔) tal-fond li tħalla lilu minn ommu (*Phidias* Triq il-Foss) filwaqt li rigward il-kumplament huwa għandu l-kwart ta' missieru u $^{2}/_{3}$ ta' ommu – b' kollox $^{11}/_{24}$ mill-assi kollha; il-konvenuti l-oħra kwart minn tal-missier kull wieħed u waħda – $^{1}/_{8}$ minn ta' kollox – dan dejjem *eccetto* l-fond ġà msemmi.

»Deċiżjoni

»Illi għal dawn il-motivi l-qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u tordna li l-proprjetajiet imsemmija jinbigħu *sub hasta* taħt l-awtorità tal-qorti, bl-inklużjoni ta' oblaturi estranji, u dan a bażi tal-prezzijiet l-aktar vantaġġjużi indikati fir-rapport kif fuq indikat, u r-rikavat jinqasam bil-mod li għadu kemm ġie indikat fil-paragrafu intestat *"Ishma rispettivi",* b'dan però li r-rikavat mill-fond *Phidias* Triq il-Foss, Paola jiġi assenjat kwantu għal $^{1}/_{9}$ kull wieħed lill-atturi u l-kumplament ($^{2}/_{3}$) lill-konvenut John Montebello. Wara dan il-bejgħ l-atturi jħallsu bejniethom għal darba waħda s-somma ta' €4,000 lill-istess John Montebello filwaqt li r-rikavat mill-proprjetajiet jinqasmu skond l-ishma dovut lill-partijiet mill-wirt totali tal-konjuġi Marco u Rosa Montebello kif ġà indikat.

»L-ispejjeż tal-kawża jinqasmu skond l-istess ishma.«

8. Appella l-konvenut John Montebello b'rikors tat-8 ta' Ġunju 2015 li għalih l-atturi wieġbu fis-26 ta' Ġunju 2015. L-aggravji tal-appell huma, fil-qosor, dawn:

> »1. illi ghalkemm il-proceduri inbdew qabel l-*entrata in vigore* tal-Att Numru XVIII tal-2004, din essenzjalment ikkodifikat il-posizzjoni fis-sens illi minkejja l-artikoli allura tal-Kodici Ċivili, dawn waslu biex ikkristalizzaw il-leġittima bħala kreditu ta' flus;
>
> »2. illi hemm żbalji materjali fid-deskrizzjoni u l-valur tal-propretajiet;
>
> »3. illi … l-ewwel qorti għamlet apprezzament ta' fatt żbjaljat meta qalet illi ċerti allegazzjonijiet ma ġewx ippruvati, bħal per eżempju d-debiti li kienu responsabilità ta' Marco Montebello;
>
> »4. illi l-ewwel qorti ikkonludiet erroneament meta ma iddistingwitx bejn fond battâl u fond mikri;
>
> »5. illi l-ewwel qorti ma qisitx illi George Montebello kellu debitu lejn l-eredità tal-ġenituri għaliex missieru ħallasalu l-bini tad-djar tiegħu;
>
> »6. illi l-ewwel qorti injorat totalment l-ammont li kien ħareġ John Montebello għall-mantiment ta' ommhom, Rosa Montebello;
>
> »7. illi l-ewwel qort injurat ukoll il-fatt illi John Montebello kien, wara insistenza ta' Tarcisio u Doris, aħwa Montebello, xtara sehemhom mill-eredità ta' Marco Montebello.«

9. Il-konvenut appellant kompla fisser l-ewwel aggravju hekk:

> »… … … kwantu għall-ewwel aggravju, l-esponenti jirrikonixxi illi l-Att XVIII tal-2004 kien japplika prospettivament għal suċċessjonijiet miftuħa wara ċerta data u li għal din is-suċċessjoni tapplika l-liġi qabel l-emendi. B'danakollu ma hemm ebda raġuni għaliex ma għandhiex tiġi applikata l-ġurisprudenza anterjorment għall-emendi illi tillikwida l-leġittima bħala kreditu u dan minkejja l-artikoli kif kienu qabel. Fi kliem ieħor, ma kienx neċessarju illi jsir il-bejgħ *sub hasta* ta' diversi fondi. Hawnhekk, l-esponenti jirreferi għall-prova minnu magħmula illi *Phidias*, Ditch Street, Paola li kienet il-*casa-bottega* tal-ġenituri, dan iddividih u ttrasferih b'titolu ta' donazzjoni lil żewġ uliedu … … … Dana kien biss possibbli għaliex l-esponent kien qasam *Phidias*, u ttrasferih lil uliedu. *Inoltre* – u dan huwa dokumentat u ppruvat – l-esponenti xtara sehem Tarcisio u Doris, aħwa Montebello, ħutu mill-ewwel żwieġ ta' missieru, fuq insistenza tagħhom; dan allura kollu juri illi kien ikun ferm aktar indikat illi tiġi likwidata somma bħala ħlas ta' leġittima, għaliex kif inhi s-sentenza ma hijiex esegwibbli għaliex ċerta proprjetà ma għadhiex parti mill-eredità u allura ma tagħmilx stat kontra l-akkwirenti l-ġodda, minkejja l-fatt illi l-esponenti kien ċar u spjega b'dokumenti li kien ġara.«

10. Kif sewwa osservat l-ewwel qorti, taħt il-liġi kif kienet meta nfetaħ il-wirt ta' Rosa Montebello, il-leġittima kienet *pars bonorum*, sehem mill-assi tal-wirt u mhux kreditu tal-wirt. L-ewwel parti tal-aggravju hija għalhekk ħażina. Madankollu, qalet sew ukoll l-ewwel qorti illi jekk id-disposizzjonijiet testamentarji ma jeċċedux il-kwota disponibbli, b'mod li wara li jkunu tħallsu l-legati xorta jibqa' fl-assi ereditarju biżżejjed biex jagħmel tajjeb għas-sehem riżervat, il-legati għandhom jitħallsu sħaħ, ukoll *in natura*[2]. Fil-fatt l-art. 647 tal-Kodiċi Ċivili jgħid illi huwa meta d-disposizzjonijet tat-testment jaqbżu s-sehem li minnu seta' jagħmel it-testatur li għandhom jitnaqqsu, u għalhekk, *a contrario*, meta ma jaqbżux dak is-sehem ma għandhomx jitnaqqsu.

11. Il-kwistjoni għalhekk hija jekk, b'dak li jifdal wara li jitħallas il-prelegat, jibqax biżżejjed biex is-sehem riżervat jingħata lill-atturi. Biex jiġi determinat jekk il-legat jaqbiżx is-sehem disponibbli, il-valuri għand-hom jitqiesu fil-waqt tal-ftuħ tal-wirt, għax, naturalment, dak li kien disponibbli, u għalhekk leċitu li jitħalla b'legati, fil-waqt tal-ftuħ tal-wirt ma jsirx jaqbeż is-sehem disponibbli, u għalhekk mhux aktar leċitu, jekk il-valuri jinbidlu minħabba dak li jkun seħħ wara. L-ewwel qorti iżda qieset il-valuri għall-għanijiet biss tal-assenjazzjoni tal-beni, u għalhekk fiż-żmien aktar qrib tas-sentenza[3], u għal din ir-raġuni ma hemmx tagħrif biżżejjed biex jiġi determinat jekk, fil-waqt tal-ftuħ tal-wirt, il-legat kienx jaqbeż is-sehem li minnu t-testatriċi setgħet tagħmel minnu.

---

2 Ara *e.g.* Maria Wismayer *et v.* Ruggiero Wismayer *et*, P.A. 22 ta' Mejju 1950.

3 Ara Mary Anne Zammit *et* v. Antonia Ellul *et*, App. 28 ta' Jannar 2005, u s-sentenzi hemm ċitati.

12. Għalkemm kien ikun utli li kieku saret stima tal-valuri fil-waqt tal-ftuħ tal-wirt, il-qorti tifhem ukoll illi, jekk il-valuri nbidlu għax f'dawn l-aħħar snin żdied konsiderevolment il-valur tal-proprjetà immobiljari, din iż-żjieda kienet proporzjonalment bejn wieħed u ieħor l-istess għall-immobbli kollha, u għalhekk ma tinbidilx wisq ir-relatività bejn il-valuri. Għalhekk in-nuqqas ta' stima tal-valuri fil-waqt tal-ftuħ tal-wirt ma għandhiex tkun ta' ostakolu għad-determinazzjoni ta' dan l-appell.

13. Għalkemm bil-valuri li fuqhom ħadmet l-ewwel qorti irriżulta li kien hemm beni biżżejjed fil-bqija tal-wirt biex tagħmel tajjeb għas-sehem riservat, l-ewwel qorti, flok ordnat li jitħallas il-prelegat ta' *Phidias* lill-appellant, ordnat li jinbigħ *sub hasta*. Kien ikollu raġun il-konvenut appellant meta jgħid illi l-fond *Phidias*, u wkoll il-fond *Maleth*, li kien parti minn *Phidias* meta nfetaħ il-wirt, għandu jingħata lilu bi ħlas tal-prelegat, u mhux jinbigħ *sub hasta*, likieku dak il-fond kien kollu tat-testatriċi. Il-fond iżda ma kienx kollu tat-testatriċi u, anzi, hi stess iddikjarat "li taf li l-istess proprjetà ma hix tagħha esklussivament iżda tappartjeni wkoll in parti lill-eredi tal-mejjet żewġha iżda hija trid u tordna li dan il-prelegat jiġi konsegwit fl-intier tiegħu". Dak il-legat kien ikun jiswa, għax magħmul kif igħid u jrid l-art. 696(1) tal-Kodiċi Ċivili, li mhux għax il-werrieta l-oħra – l-atturi – ma aċċettawx il-wirt u għal-hekk ma humiex marbuta li jħallsu l-legat. L-appellant għalhekk għandu n-nofs (½) mhux maqsum tal-fond li kien tal-omm, kif ukoll sehem minn erbgħa (¼) tan-nofs tal-missier li jiġi sehem minn tmienja ($^1/_8$) tal-intier, iżda l-ishma l-oħra mis-sehem l-ieħor li kien tal-missier huma tal-ko-werrieta l-oħra tal-missier. Mela mill-intier l-attur għandu

n-nofs u sehem minn tmienja – b'kollox ħames ishma minn tmienja ($^5/_8$) – waqt li l-atturi flimkien għandhom sehem minn tmienja ($^1/_8$) u ż-żewġ konvenuti l-oħra, l-ulied tal-ewwel żwieġ, għandhom iż-żewġ ishma minn tmienja ($^2/_8$) li jifdal. Mhux kontestat iżda li l-appellant kiseb l-ishma taż-żewġ konvenuti l-oħra u għalhekk illum għandu seba' ishma minn tmienja ($^7/_8$). Dawn, naturalment, huma l-ishma li għandu l-appellant fil-fond *Phidias /Maleth* u mhux ishma li għandu mill-wirt.

14. Ngħaddu issa għat-tieni aggravju, li ġie mfisser hekk:

> »… … … it-tieni aggravju huwa illi hemm żbalji materjali u rilevanti fid-deskrizzjoni, fil-qies u fil-valur tal-fondi hemm stmati. Dawn huma:
>
> »• fond li ġie deskritt bħala 142, Triq Santa Lucia, Paola fil-fatt għandu jkun korrettement numerat bħala 132, u l-valur lilu attribwit mill-perit tekniku huwa ta' Lm 10,000 u mhux ta' Lm 35,000 kif indikat fis-sentenza;
>
> »• il-fondi *Phidias*, illlum 218, Triq il-Foss, Paola u *Maleth*, illum 216, Triq il-Foss, Paola, kienu oriġinarjament fond wieħed u identiku, il-*casa bottega* ta' Marco Montebello – kopja tad-denunzja *causa mortis,* Dok IP2, *fol.* 188 fejn huwa ċar illi l-fond kien denunzjat bħala wieħed; John Montebello iddividihom, permess tal-Awtorità ta' Malta tal-Ippjanar: dan il-fatt ġie rikonoxxut fir-relazzjoni peritali, pagna 7. Fis-sentenza, *Phidias* ġie kalkolat Lm 10,000 u *Maleth* ġie kalkolat Lm 85,000, meta dawn kienu u għadhom l-istess *unit*. Dan varja mir-relazzjoni peritali li ittrattathom bħala wieħed u għamel stima tal-istess proprjetà waħda b'deskrizzjoni ta' Lm 165,000 u rriferiet għall-permess meta saru t-tibdiliet li llum jeżistu, li minnhom titnaqqas d-differenza tal-valutazzjoni tal-kirja, Lm 40,000 li tiġi allura Lm 125,000;
>
> »• *Maleth*, 126, Triq il-Foss, għandu jkun korrettement indikat bħala Paola u mhux Marsa;
>
> »• il-kalkolu tal-*garage/workshop*, 9, Triq ix-Xwieni, Marsa, sar a bażi ta' 200 metru kwadru, meta fir-realtà hija 98 metru kwadru. L-esponenti kien attira l-attenzjoni tal-qorti dwar dan.«

15. Għandu jingħad qabel xejn illi l-partijiet jaqblu illi dawn l-immobbli huma kollha tal-komunjoni tal-akkwisti tat-tieni żwieġ, dak bejn Marco u Rosa Montebello.

16. Il-valuri mogħtija mill-perit tekniku għal dawn il-beni huma dawn:

| | battâl | mikri |
|---|---|---|
| 5, Triq ix-Xwieni, il-Marsa | Lm 35,000<br>€ 81,528 | Lm 15,000<br>€ 34,941 |
| 9, Triq ix-Xwieni, il-Marsa | Lm 70,000<br>€ 163,056 | Lm 30,000<br>€ 69,881 |
| 132, Vjal Santa Lucia, Paola | Lm 10,000<br>€ 23,294 | Lm 5,000<br>€ 11,647 |
| *Maleth*, 216, Triq il-Foss, Paola | Lm 80,000<br>€ 186,350 | Lm 40,000<br>€ 93,175 |
| *Phidias*, 218, Triq il-Foss, Paola | Lm 85,000<br>€ 197,997 | |

17. Dwar il-fond 132, Vjal Santa Lucia, Paola, il-konvenut appellant għandu raġun. L-ewwel qorti indikat ħażin in-numru tal-bieb, għal-kemm dan ma jagħmel ebda differenza sostanzjali, u indikat ħażin ukoll il-valur likwidat mill-perit tekniku. Għandu raġun ukoll igħid ili l-fond *Maleth* huwa f'Casal Paola, mhux fil-Marsa.

18. Dwar il-fondi *Phidias* u *Maleth* l-appellant igħid illi dawn kienu fond wieħed meta nfetaħ il-wirt iżda l-ewwel qorti qisithom bħala tnejn, għalkemm kienu nqasmu wara li kien infetaħ il-wirt. L-ewwel qorti x'aktarx għamlet hekk għax, għar-raġunijiet imsemmija fuq[4], qieset il-valuri fil-waqt li għandha ssir il-qasma u mhux fil-waqt tal-ftuħ tal-wirt. L-appellant iżda jgħid sew illi l-ewwel qorti ma qagħditx fuq il-valuri stmati mill-perit, għalkemm verament dan imur kontra l-interessi tal-appellant għax ikabbar il-valur tal-wirt u, konsegwentement, il-valur tas-sehem riservat favur l-atturi.

[4] Para. 12, *supra*.

19. L-appellant igħid ukoll illi l-valur taż-żewġ fondi flimkien għandu jonqos b'erbgħin elf lira ta' Malta (Lm 40,000) jew tlieta u disgħin elf, mija u ħamsa u sebgħin euro (€ 93,175). Dan huwa wkoll il-meritu tar-raba' aggravju u nqisuh meta naslu biex inqisu dak l-aggravju.

20. It-tielet u l-ħames aggravji huma dwar l-istess materja, u jgħidu hekk:

> »… … … it-tielet aggravju huwa illi l-qorti ma qesitx debiti li kellu George Montebello lejn l-eredità ta' ommu. Dan huwa rilevanti biex wieħed jasal għall-konsistenza tal-eredità. Dawn id-debiti huma rappreżentati minn flus li kellu jħallas George Montebello lil ommu u omm John Montebello, Rosa Montebello … fl-1988, meta miet Marco Montebello. Dak iż-żmien 1988, kienu Lm 11,000. Dawn kienu rikonoxxuti u George Montebello beda jħallashom. Meta waqaf iħallas kien għad fadallu Lm 7,200 – dan jidher mill-interpellazzjoni u ittra li kienet bagħtet Rosa Montebello datata 7 ta' Jannar 1992. Din ma ġietx kontradetta u fuq bilanċ ta' provi l-verzjoni li dan l-ammont baqa' ma tħallasx għandha titqies bħala prova valida.
>
> »… … …
>
> »Il-ħames aggravju huwa illi l-ewwel qorti ma qesitx illi irriżulta debitu minn George Montebello lejn l-eredità tal-ġenituri tiegħu: dan kien kostitwit billi Marco Montebello kien ħallas il-bini tad-dar lil ibnu George: dan huwa dokumentat b'fattura, Dok JM4, *fol.* 296-305 li ma ġietx kontradetta, u għalhekk l-esponenti jissottometti illi din għandha tagħmel stat ta' prova u tiġi valutata fil-konsistenza tal-eredità; minn dawn id-dokumenti jirrizulta illi Marco Montebello kien ħallas ammonti lil ibnu billi ħallaslu l-bennej. Dawn l-avanzi jridu jiġu riflessi.
>
> »F'dan it-tema jirriżulta wkoll illi meta miet Marco Montebello, missier John u George, ħareġ rendikont li kien sar xahrejn qabel il-mewt ta' Marco Montebello, iffirmat minn Marco Montebello, u John, George u Tarcisio, aħwa Montebello, esebit *fol.* 234. Wara li miet allura Marco Montebello, intlaħaq ftehim verbali mal-armla Rosa Montebello u anke dwar xi djun oħra ta' George, illi George kellu jagħti lil ommu ftit aktar minn Lm 11,000. Fil-fatt hija kienet talbithomlu anke Lm 20 fil-ġimgħa u hekk beda jsir minnufih, iżda fl-1991, meta telaq mill-kumpannija *Montebello Artworks Limited*, iddeċieda ma jibqax itihomlha lil ommu.«

21. L-ewwel qorti illikwidat *arbitrio boni viri* l-bilanċ tad-dejn ta' George Montebello fis-somma ta' erbat elef euro (€ 4,000) għax ma sabitx li tressqu provi biżżejjed biex tista' tasal għall-bilanċ tassew dovut.

22. Il-konvenut appellant iżda jgħid illi minn ittra interpellatorja li bagħtet Rosa Montebello fis-7 ta' Jannar 1992 jirriżulta li l-bilanċ dakinhar kien

ta' sebat elef u mitejn lira ta' Malta (Lm 7,200), bejn wieħed u ieħor sittax-il elf, seba' mija u wieħed u sebgħin euro (€ 16,771). L-atturi jwieġbu illi dan l-argument ma huwiex konkluživ għax mibni fuq il-premessa illi bejn l-1992 u l-1997, meta ġiet nieqsa Rosa, ma sar ebda ħlas. Igħidu wkoll illi lanqas tas-somma ta' erbat elef euro (€ 4,000) likwidata mill-ewwel qorti ma hemm prova u għalhekk, igħidu, "lanqas dan l-ammont ma huwa ġustifikat", għalkemm ma ressqu ebda appell inċidentali dwar hekk.

23. Dak li jgħidu l-atturi ma huwiex għalkollox korrett. Ma huwiex kontestat illi meta miet il-missier, Marco, id-dejn kien ta' ħdax-il elf lira ta' Malta (Lm11,000), bejn wieħed u ieħor daqs ħamsa u għoxrin elf, sitt mija u tlieta u għoxrin euro (€25,623).

24. Dwar il-wirt tal-omm, Rosa, tassew illi l-ittra interpellatorja tas-7 ta' Jannar 1992 hija att unilaterali ta' Rosa u għalhekk *non probat nisi contra scribentem*. Madankollu meta tqis illi bejn meta miet il-missier fit-12 ta' Lulju 1988 u meta nkitbet l-ittra fis-7 ta' Jannar 1992 għaddew biss tliet snin u nofs, ma jkunx wisq imġebbed li tgħid illi kien għad fadal il-bilanċ ta' sebat elef u mitejn lira (Lm 7,200) pretiż fl-1992. Wara kollox, ladarba d-dejn oriġinali ta' ħdax-il elf lira (Lm 11,000) ma huwiex kontestat, l-oneru tal-prova tal-ħlas kien imiss lid-debitur, u dik il-prova ma saritx, lanqas saret il-prova li saru ħlasijiet oħra wara l-1992.

25. Għalkemm ma hijiex sejra tgħid illi l-bilanċ kollu ta' sebat elef u mitejn lira (Lm 7,200) għadu dovut, din il-qorti għar-raġunijiet fuq mogħtija

hija tal-fehma illi l-bilanċ ta' erbat elef euro (€ 4,000) likwidat *arbitrio boni viri* mill-ewwel qorti huwa ftit, u għalhekk sejra żżid il-likwidazzjoni għal tmint elef euro (€8,000).

26. Ngħaddu issa għar-raba' aggravju, dwar jekk il-valur ta' *Phidias* (illum *Phidias* u *Maleth*) għandux jitnaqqas għax huwa mikri. Dan l-aggravju ġie mfisser hekk:

> »Ir-raba' aggravju huwa illi l-ewwel qorti ma ddistingwietx bejn valur ta' fond battâl u valur ta' fond mikri. Il-perit tekniku fir-relazzjoni tiegħu ippreżenta żewġ valuri , bil-vojt jew mikri u l-qorti għażlet l-ogħla valur. L-esponenti bir-rispett ma jaqbilx ma' dan, għaliex għal raġunijiet ovvji hemm differenza fondamentali. Anqas ma jaqbel mal-interpetazzjoni li tat il-qorti, u f'dan is-sens: li proprjetà fil-leġittima ma tkunx soġġetta għal piżiijiet tfisser ħaġa oħra, *cioè* illi jekk ser tingħata proprjetà in sodisfazzjoni ta' leġittima, din ma jkollhiex piżijiet reali fuqha jew garanziji fuq il-proprjetà. Iżda ma jfissirx illi l-fatt tal-kirja ma jitqiesx meta jiġi stabbilit il-valur … … …«

27. L-atturi jistrieħu fuq dak li jgħid u jrid l-art. 620(1) tal-Kodiċi Ċivili, *viz.* illi "t-testatur ma jistax jgħabbi s-sehem riżervat b'xi piż jew kondizzjoni", u jkomplu hekk:

> »… … … l-appellati jinsistu li l-valutazzjoni ma għandhiex titqies bil-piż tal-kirja tant illi l-liġi (art. 620 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) tippermetti biss li meta tiġi kkalkolata l-leġittima jittieħdu in konsiderazzjoni bħala piż id-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali u għalhekk il-liġi espressament tispjega liema huma dawk il-piżijiet għandhom jiġu kkalkolati qabel jiġi kkalkolat is-sehem riżervat.
>
> »Illi għalhekk … … … l-osservazzjonijiet tal-ewwel qorti li rriteniet li l-valur reali tal-fondi għandu jkun liberu u frank meta tiġi kkalkolata l-leġittima huwa wieħed korrett u dan anki peress illi l-kirja fuq il-fondi tkun dejjem dovuta lill-werrieta u mhux lill-leġittimarji. Illi *di più* l-argument tal-appellanti f'dan il-każ ikun inġust meta wieħed iqis li l-kirja hija proprju favur wieħed mill-eredi – John Montebello li qed jagħmel użu minn proprjetà tal-wirt b'kirja baxxa.«

28. Il-fatt li t-testatur ma jistax igħabbi l-leġittima b'xi piż jew kondizzjoni ma jfissirx li, biex jiġi determinat kemm tiswa l-proprjetà, piżijiet fuqha – ikunux piżijiet reali jew drittijiet personali – ma jitqisux. Proprjetà

mikrija tiswa anqas minn proprjetà ħielsa minn kiri jew minn kull dirtt ieħor favur terzi, u dan il-fatt ma jistax jitwarrab bla ma b'hekk issir artifiċjali l-istima tal-valur tal-assi tal-wirt.

29. Il-qorti għalhekk taqbel mal-appellant illi l-immobbli għandhom jitqiesu li jiswew daqskemm jistgħu jinbigħu fis-suq, *i.e.* bħala mikrija.

30. Is-sitwazzjoni hija differenti fil-każ tal-fond *Phidias/Maleth*, u dan għal żewġ raġunijiet, li forsi jistgħu jidhru li huma aktar konsiderazzjonijiet ta' ekwità. L-ewwelnett għax, meta nfetaħ il-wirt u l-fond kien f'idejn l-appellant b'kera, il-kirja ma setgħetx titqies li naqqset il-valur tal-fond f'idejh għax kieku ried ibigħu fis-suq seta' jbigħu bħala ħieles minn kiri. Raġuni oħra hi li kiri mill-ġenituri lil wieħed mill-ulied aktar tixbah att ta' liberalità għax effettivament hija għotja ta' titolu lil dak il-wild li tqiegħdu f'posizzjoni ta' vantaġġ quddiem l-ulied l-oħra. Billi dan l-att ta' liberalità – bħal kull donazzjoni oħra – għandu jinġieb lura fil-wirt għall-għanijiet tal-istima tal-valuri, huwa xieraq li l-valur tal-kiri jinġieb lura, jew, fi kliem ieħor, li l-fond jiġi stmat bħallikieku mhux mikri.

31. Għal dawn ir-raġunijiet l-qorti tiddisponi minn dan l-aggravju billi tgħid illi l-valur tal-fond *Phidias/Maleth* għandu jiġi stmat bħallikieku mhux mikri waqt li l-immobbli l-oħra, li huma mikrijin, jitqiesu bil-valur ta' immobbli mikrija.

32. Is-sitt aggravju jgħid hekk:

> »… … … irriżulta illi John Montebello kien ippresta serviġi u ħareġ flus għal ommu: kif xehed, dan kien jinkludi mediċinali, teraptisti, *maid* kuljum, ikel u spejjeż normali ta' familja. Dan huwa sostnut u ppruvat minn rendikont iffirmat minn Rosa Montebello, u dan baqa' jibqa' iffirmat minn Rosa Montebello sal-1994 meta miet George Montebello.

> Dan għaliex ir-rendikont kien qed isir ħalli jingħatalu sodisfazzjon dwar il-ħlasijiet. Barra, hemm hemm ħlas ta' taxxa tal-arretrati ta' missier-hom, li ħallashom John Montebello, li ma riedx jinvovli ruħu fihom George Montebello. Il-veraċità ta' dan kollu huwa sorrett minn doku-mentazzjoni dwar il-pensjoni ta' kull gimgħa ta' Rosa Montebello li jindika l-limitazzjonijiet tal-pensjoni. Għalkemm huwa minnu illi hemm kawża għal serviġi, ma jfissirx illi l-qorti ma setgħetx tieħu in konsiderazzjoni prova ta' żborsi, iżda mhux ta' serviġi reżi. Ifisser illi l-qorti messha naqqset dawk l-ammonti li rriżultawlha u sorretti bi prova li huma żborsi ta' John Montebello. *Inoltre*, … ma jidhirx illi kontrotalba kienet neċessarjament l-aħjar rimedju għaliex din potenzjalment kienet tolqot l-eċċezzjoni li ma taqax fil-parametri tat-talba prinċipali.«

33. Jekk ma saritx kontro-talba għax kienet tintlaqa' b'eċċezzjoni "li ma taqax fil-parametri tat-talba prinċipali", kif issa l-appellant jippretendi li l-qorti xorta tqis talba li ma saritx għax, kif igħid hu, ma setgħetx issir? F'kull każ, il-partijiet jaqblu li hemm kawża oħra bejniethom dwar is-serviġi li għalihom jippretendi kumpens l-appellant, u għalhekk is-serviġi ma humiex meritu ta' din il-kawża.

34. Iżda, għalkemm il-qorti ma tistax tillikwida kumpens għal serviġi, sewwa jgħid l-appellant illi tista' tqis ħlasijiet magħmula minn werriet fl-interess tat-testatur għax dawn huma djun tal-wirt.

35. Madankollu, meta tqis illi l-prelegat tħalla lill-konvenut appellant "bħala kumpens għal dak kollu li huwa flimkien ma' martu Rita Montebello għamlu mat-testatriċi u għad iridu jagħmlu bħala kura u assistenza għaliha", il-qorti tifhem illi l-prelegat qiegħed jingħata b'kumpens ukoll għal dak li l-prelegatarju nefaq fl-interess tat-testatriċi. Barra minn hekk, l-appellant kien jamministra l-flus tal-omm u l-qorti għalhekk tifhem li sehem mhux traskurabbli minn dak li ntefaq ħareġ minn flus l-omm stess. Għall-bqija li l-appellant seta' ħareġ minn butu, il-qorti tifhem illi huwa ampjament kumpensat bil-legat rimuneratorju.

36. Mhux l-istess iżda jingħad għall-ħlas tat-taxxa tal-missier. Dan il-ħlas ta’ elf, sitt mija u sebgħa u sebgħin lira (Lm 1,677) – daqs tlitt elef, disa’ mija u sitt euro (€ 3,906) – li sar mill-appellant[5], ma sarx fl-interess tat-testatriċi iżda fl-interess tal-werrieta tal-missier, *i.e.* tal-partijiet l-oħra fil-kawża u huwa dejn tal-wirt li l-qorti sejra tqisu meta tiġi biex tagħmel likwidazzjoni tal-assi.

37. Dwar l-aħħar aggravju – li l-konvenut appellant kien xtara sehem il-konvenuti l-oħra mill-wirt tal-missier – ma hemmx kontestazzjoni.

38. Il-qorti sejra issa tgħaddi biex tillikwida l-assi ereditarju u l-ishma tal-partijiet minnu. Billi l-assi huma tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-missier u t-tieni mara tiegħu, ma hemmx ħtieġa li nqisu wkoll is-sehem tal-ewwel mara tal-missier.

39. Kif ingħad fuq[6], il-qorti sejra tqis il-valur tal-immobbli bħala mikrija ħlief għall-fond *Phidias/Maleth* li sejra tqisu bħala mhux mikri. Il-valuri huma dawn:

| | Lm | € |
|---|---|---|
| 5, Triq ix-Xwieni, il-Marsa | 15,000 | 34,941 |
| 9, Triq ix-Xwieni, il-Marsa | 30,000 | 69,881 |
| 132, Vjal Santa Lucia, Paola | 5,000 | 11,647 |
| *Maleth*, 216, Triq il-Foss, Paola | 40,000 | 186,350 |
| *Phidias*, 218, Triq il-Foss, Paola | 85,000 | 197,997 |
| | 175,000 | 500,816 |

40. Mal ħames mitt elf, tmien mija u sittax-il euro (€500,816) valur tal-immobbli jrid jiżdied il-kreditu ta’ tmint elef euro (€8,000)[7] kontra l-

5 *Fol.* 359.

6 Para. 31, *supra.*

atturi u jitnaqqas id-dejn ta' tlitt elef, disa' mija u sitt euro (€ 3,906)[8] favur l-appellant. Il-valur nett tal-assi mela jiġi ħames mija u erbat elef, disa' mija u għaxar euro (€ 504,910).

41. Mill-wirt tal-missier l-appellant għandu tliet ishma minn erbgħa (¾) – is-sehem minn erbgħa (¼) tiegħu u ż-żewġ ishma l-oħra li kiseb mingħand il-konvenuti l-oħra – u għalhekk għandu tliet ishma minn tmienja ($^{3}/_{8}$) tal-intier u l-atturi flimkien għandhom sehem wieħed minn tmienja ($^{1}/_{8}$).

42. Mill-wirt tal-omm l-atturi għandhom sehemhom mil-leġittima. Billi l-ulied tal-omm huma tnejn il-leġittima hija sehem minn tlieta ($^{1}/_{3}$) li tinqasam bejniethom, u għalhekk għandhom sehem minn sitta ($^{1}/_{6}$) tal-wirt tal-omm jew sehem minn tnax ($^{1}/_{12}$) tal-intier. Il-konvenut għandu li jifdal: ħames ishma minn sitta ($^{5}/_{6}$) tal-wirt tal-omm jew ħames ishma minn tnax ($^{5}/_{12}$) tal-intier.

43. Mela b'kollox l-attur għandu dsatax-il sehem minn erbgħa u għoxrin ($^{19}/_{24}$)[9] waqt li l-atturi flimkien għandhom ħames ishma minn erbgħa u għoxrin ($^{5}/_{24}$)[10].

44. Sehem il-konvenut appellant – $^{19}/_{24}$ ta' ħames mija u erbat elef, disa' mija u għaxar euro (€ 504,910) – jiġi tliet mija u disgħa u disgħin elf, seba' mija u għoxrin euro (€ 399,720) li magħhom jiżdied il-kreditu ta'

---

[7] Para. 25, *supra*.

[8] Para. 36, *supra.*

[9] $^{3}/_{8} + ^{5}/_{12} = ^{19}/_{24}$.

[10] $^{1}/_{8} + ^{1}/_{12} = ^{5}/_{24}$.

tlitt elef, disa' mija u sitt euro (€ 3,906), b'kollox erba' mija u tlitt elef, sitt mija u sitta u għoxrin euro (€ 403,626).

45. Sehem l-atturi flimkien – 5/24 ta' ħames mija u erbat elef, disa' mija u għaxar euro (€ 504,910) – jiġi mija u ħamest elf, mija u disgħin euro (€ 105,190), li minnhom jitnaqqas id-dejn ta' tmint elef euro (€ 8,000), b'kollox sebgħa u disgħin elf, mija u disgħin euro (€ 97,190).

46. Sabiex jiġu rispettati l-ishma tal-partijiet il-qsim tal-proprjetajiet isir hekk:

47. Lill-konvenut appellant:

| | | |
|---|---|---|
| *Maleth*, 216, Triq il-Foss, Paola | | 186,350 |
| *Phidias*, 218, Triq il-Foss, Paola | | 197,997 |
| 132, Vjal Santa Lucia, Paola | | 11,647 |
| | Total | 395,994 |
| | dovut | 403,626 |
| | jonqos | -7,632 |

48. Lill-atturi:

| | | |
|---|---|---|
| 5, Triq ix-Xwieni, il-Marsa | | 34,941 |
| 9, Triq ix-Xwieni, il-Marsa | | 69,881 |
| | total | 104,822 |
| | dovut | 97,190 |
| | żejjed | 7,632 |

49. Il-qorti għalhekk tiddisponi mill-appell billi tħassar il-parti dispositiva tas-sentenza appellata u tipprovdi hekk dwar it-talbiet u l-eċċezz-jonijiet:

i. tillikwida l-assi tal-wirt ta' Marco u Rosa miżżewġin Montebello billi tgħid illi jikkonsisti fil-beni immobbli elenkati fil-para. 39 u fil-kreditu u dejn imsemmija fil-para. 40, *supra*;

ii. tgħid illi sehem l-atturi minn dawn l-assi (meqjus ukoll id-dejn tagħhom lejn il-wirt) jiswa sebgħa u disgħin elf, mija u disgħin euro (€ 97,190) waqt li sehem il-konvenut appellant (meqjus ukoll il-kreditu tiegħu kontra l-wirt) jiswa b'kollox erba' mija u tlitt elef, sitt mija u sitta u għoxrin euro (€ 403,626);

iii. taqsam il-beni tal-wirt bejn il-partijiet billi tassenja lill-atturi l-beni indikati fil-para. 48, *supra*, u lill-konvenut appellant il-beni indikati fil-para. 47, *supra*, b'dan illi l-atturi għandhom iħallsu lill-konvenut appellant ekwiparazzjoni ta' sebat elef, sitt mija u tnejn u tletin euro (€ 7,632);

iv. taħtar lin-Nutar Michel Dingli biex jirċievi u jippubblika l-att ta' diviżjoni u lill-Avukat Joseph Zammit biex jidher f'isem min mill-partijiet jonqos li jidher fuq l-att.

50. L-ispejjeż (foshom ukoll dawk taż-żewġ konvenuti l-oħra), kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, jinqasmu bejn l-atturi u l-konvenut appellant fl-istess sehem tal-ishma rispettivi tagħhom mill-beni tal-wirt.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm